

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12663/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0103 (COD)**

**ECOFIN 1146
UEM 428
CADREFIN 185
CODEC 1235
ECB
*EIB***

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 468 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Strument ta' Appoġġ Tekniku - Rapport Annwali tal-2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 468 final.

Mehmuż: COM(2025) 468 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
COM(2025) 468 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Strument ta' Appoġġ Tekniku - Rapport Annwali tal-2024

Daħla

Kuntenta li qiegħda nippreżenta dan ir-rapport li jkopri ċ-ċiklu tal-2024 tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument). Lil hinn minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tat-TSI fl-2024, ir-rapport jikkonferma s-suċċess tat-TSI fl-appoġġ lill-Istati Membri fit-titjib tal-kapaċità amministrattiva tagħhom għat-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riformi, kif muri fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI mwettqa prinċipalment fl-2024. B'hekk, it-TSI jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, fost riformi oħra li għaddejjin fl-Istati Membri.

Wara proċess ieħor ta' għażla kompetittiv ħafna, 25 % tal-170 proġett tat-TSI 2024 kienu proġetti multinazzjonali u, 48 % kienu marbuta ma' proġetti ewlenin. Dan juri li fl-2024, hekk kif laħaq il-punt intermedju tiegħu fil-QFP, it-TSI żied l-enfasi tiegħu fuq l-appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE kemm permezz ta' proġetti ewlenin kif ukoll multinazzjonali. Fejn rilevanti, jiġifieri b'mod partikolari f'każijiet fejn l-Istati Membri ffaċċjaw sfidi komuni allinjati mal-prijoritajiet tal-UE, tali proġetti saħħew il-valur miżjud tal-appoġġ tat-TSI.

B'mod simili għas-snin preċedenti, it-TSI pprova appoġġ tekniku lill-awtoritajiet benefiċjarji mill-Istati Membri kollha u kopra diversi oqsma ta' politika. Dawn inkludew l-amministrazzjoni pubblika u l-governanza, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-kompetittività. Diversi proġetti tat-TSI 2024 komplew jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP, recovery and resilience plan) nazzjonali.

Fl-2024, it-TSI nieda wkoll sejħa ddedikata biex jipprovdi lill-Istati Membri b'għarfien espert tekniku mfassal apposta biex iħejju l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom (NIPs, National Implementation Plans) taħt il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ġew appoġġati disa' Stati Membri.

L-appoġġ kontinwu tad-DĠ REFORM lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-proġetti tat-TSI ġie għal darb'oħra meqjus b'mod pożittiv mill-Istati Membri. Abbażi tar-rispons riċevut kemm mill-awtoritajiet benefiċjarji kif ukoll minn dawk ta' koordinazzjoni, l-Istati Membri apprezżaw ħafna l-appoġġ tat-TSI.

Hekk kif l-attenzjoni tal-SĠ REFORM qed tkun iffokata fuq it-tlestija b'suċċess tal-RRF fl-2026, ninsab fiduċjuża li t-TSI se jkompli jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Istati Membri f'konformità mal-politiki u l-prijoritajiet ewlenin tal-UE, filwaqt li jindirizza l-isfidi nazzjonali u tranżnazzjonali, u b'hekk ikollu impatt pożittiv ċar fl-UE kollha fis-snin li ġejjin.

Céline Gauer
Direttur Ġenerali SĠ REFORM

WERREJ

Daħla.....	1
L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.....	3
It-TSI fl-2024.....	4
I. Punti ewlenin	4
II. Iċ-ċiklu tat-TSI 2024 - fatti u ċifri	5
It-tnedija taċ-ċiklu tat-TSI 2024	5
Talbiet għal appoġġ tat-TSI 2024	6
Proġetti tat-TSI 2024	8
Proġetti ewlenin	9
Appoġġ għall-RRP	10
Proġett pilota għall-pajjiżi tat-tkabbir bħala osservaturi	11
Proġetti taħt is-sejha ddedikata fl-2024	11
III. Eżekuzzjoni tal-proġett	11
IV. Pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ	13
V. Kommunikazzjoni dwar it-TSI	13
VI. Evalwazzjoni tat-TSI	14
VII. Attivitàjiet interistituzzjonali	16
Konklużjoni	17
Anness 1 – Iċ-ċiklu annwali tat-TSI	18
Anness 2 – Sejħa ġenerali tat-TSI 2024: talbiet skont l-Istat Membru	18

L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ¹ (TSI, Technical Support Instrument) huwa l-programm tal-UE li jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jfasslu u jimplimentaw ir-riformi, inkluż permezz tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom (RRPs, **national resilience and recovery plans**). L-oġġettiv ġenerali tiegħu huwa li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa sabiex jiksbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq.

It-TSI issa huwa ġestit mit-Task Force għar-Riformi u għall-Investimenti tal-Kummissjoni Ewropea (SĠ REFORM) ². Huwa disponibbli għal kwalunkwe Stat Membru li jiffaċċja sfidi fit-tfassil, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tar-riformi. Dan jinkludi riformi biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fil-proċess tas-**Semestru Ewropew** tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-**prijoritajiet ta' politika tal-UE** jew ir-riformi **mwettqa fuq inizzjattiva proprja ta' Stat Membru**. It-TSI ma jallokax fondi minn qabel skont l-Istat Membru jew il-qasam ta' politika.

L-approprijazzjonijiet mitluba għat-TSI fl-2026 u l-programmazzjoni finanzjarja tiegħu fl-2027 tnaqqsu sabiex jinżamm appoġġ imfassal apposta ta' kwalità għolja għall-Istati Membri. Dawn il-bidliet iġibu l-programmazzjoni baġitarja ġenerali tat-TSI għall-perjodu 2021-2027 għal **EUR 827,4miljun**, tnaqqis minn EUR 864,4 miljun. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll appoġġ tekniku addizzjonali permezz ta' kontribuzzjoni diretta jew bħala parti mill-RRPs tagħhom.

2021	2022	2024	2024	2025	2026	2027	Total
116,4	118,7	121,1	123,5	126,0	109,5	112,2	827,4

Illustrazzjoni1 - Programmazzjoni tal-baġit tat-TSI 2021-2027 (f'miljuni ta' EUR)

It-TSI joffri lill-awtoritajiet benefiċjarji fl-Istati Membri aċċess uniku bbażat fuq il-proġetti għal għarfien espert tekniku u opportunitajiet ta' apprendiment bejn il-pari biex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi tar-riforma. Huwa **strument** xprunat mid-domandi tal-Istati Membri u huwa organizzat f'**ċikli annwali** (kif deskritt fl-Anness 1). L-appoġġ tat-TSI jkopri l-forniment ta' għarfien espert u esperti b'rabta ma' pariri dwar il-politika, bidla fil-politika, formulazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet direzzjonali ta' riforma u appoġġ għal riformi leġiżlattivi, istituzzjonali, strutturali u amministrattivi. Ikopri wkoll il-bini tal-kapaċità istituzzjonali, amministrattiva jew settorjali; seminars, konferenzi u sessjonijiet ta' ħidma; l-iskambju tal-aħjar prattiki u azzjonijiet ta' taħriġ; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni; il-bini tal-kapaċità fl-IT; u t-tweqqif ta' studji. It-TSI ma jeħtieġx kofinanzjament mill-Istati Membri.

¹ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1 \(ir-Regolament dwar it-TSI\).](#)

² It-TSI ġie ġestit mid-DĠ REFORM sakemm ingħaqad mat-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-1 ta' Frar 2025. Dan ir-rapport juża d-DĠ REFORM meta jirreferi għal avvenimenti u attivitajiet li seħħew qabel l-għaqda, u l-SĠ REFORM meta jirreferi għal avvenimenti u attivitajiet li seħħew wara l-għaqda, jew li għadhom għaddejjin.

Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri, kull proġett tat-TSI jipprovdi għarfien espert uniku mill-esperti interni tal-Kummissjoni, mill-esperti fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE (eż. permezz tal-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni, TAIE³), mill-organizzazzjonijiet internazzjonali jew mis-settur privat. Meta jkun meħtieġ, l-għarfien espert estern jiġi kkuntrattat permezz ta' ġestjoni diretta (prinċipalment is-settur privat) jew ġestjoni indiretta⁴. Il-persunal tal-SĠ REFORM huwa involut bis-sħiħ matul il-proċess tal-implimentazzjoni ta' kull proġett.

IT-TSI FL-2024

I. Punti ewlenin

FI-2024, hekk kif laħaq il-punt intermedju tiegħu fil-QFP, it-TSI żied l-enfasi tiegħu fuq l-appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE permezz ta' proġetti ewlenin. Fejn rilevanti, proġetti multinazzjonali komplew itejbu l-valur miżjud tal-appoġġ ipprovdut.

25 % tal-170 proġett tat-TSI 2024 kienu proġetti multinazzjonali u, 48 % kienu relatati ma' proġetti ewlenin. Dawn iż-żewġ perċentwali kienu akbar minn dawk f'ċikli preċedenti. Din **iż-żieda** kontinwa **fl-użu ta' proġetti multinazzjonali u ewlenin** uriet il-kapaċità tat-TSI li jgħib aktar valur miżjud tal-UE u li jiffaċilita l-iskambju ta' prattika tajba u opportunitajiet ta' apprendiment reċiproku bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, filwaqt li jżomm enfasi qawwija fuq il-prijoritajiet tal-UE. Din enfasizzat ukoll in-natura tat-TSI xprunata mid-domanda.

Bħal fis-snin preċedenti, it-TSI pprova appoġġ tekniku lill-awtoritajiet benefiċjarji mill-Istati Membri kollha u kopra ħafna **oqsma ta' politika**, wara t-talbiet mill-awtoritajiet nazzjonali magħżula taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2024. Dawn inkludew l-amministrazzjoni pubblika u l-governanza, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-kompetittività (ara l-Illustrazzjoni 2). Diversi proġetti tat-TSI 2024 komplew jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni tal-**RRPs** nazzjonali ⁵.

³ https://enlargement.ec.europa.eu/funding-technical-assistance/taie_x_mt

⁴ Il-lista ta' entitajiet li jimplimentaw il-fondi tal-UE taħt ġestjoni indiretta għat-TSI hija pprovduta fuq [is-sit web tat-TSI](#).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17 (ir-["Regolament"](#) dwar l-RRF).



Illustrazzjoni 2 - TSI 2024: kontribuzzjoni għall-prijoritajiet ta' politika ewlenin

Wara d-dħul fis-seħħ tal-[Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#) u l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-[“Pjan ta’ Implimentazzjoni Komuni għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil”](#) (CIP, [Common Implementation Plan](#)), id-DĠ REFORM nieda **sejħa ddedikata** fil-qafas tat-TSI fit-12 ta’ Ġunju 2024. L-għan tagħha kien li **tippovdi lill-Istati Membri b’għarfien espert tekniku mfassal apposta biex iħejju l-pjanijiet ta’ implimentazzjoni nazzjonali tagħhom (NIPs, national implementation plans)** taħt il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ġew appoġġati disa’ Stati Membri taħt is-sejħa ddedikata.

II. Iċ-ċiklu tat-TSI 2024 - fatti u ċifri

It-tnedija taċ-ċiklu tat-TSI 2024

Iċ-ċiklu tat-TSI 2024 tnieda matul il-[konferenza annwali tat-TSI dwar “Amministrazzjoni Pubblika adattata għall-futur u adattabbli għall-bidla”](#) fit-12 ta’ Mejju 2023. L-approċċ tiegħu kien simili għal dak ta’ ċikli preċedenti. Fil-konferenza ġew ippreżentati **13-il proġett ta’ appoġġ tekniku ewleni tat-TSI għall-2024** (ara hawn taħt). Il-prijoritajiet ewlenin inkludew:

- I-enfasi tal-appoġġ fuq prijoritajiet magħżula tal-UE, permezz tal-proġetti ta’ appoġġ tekniku ewleni tat-TSI proposti b’mod proattiv mill-Kummissjoni lill-Istati Membri;
- I-inkoraġġiment tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ proġetti multinazzjonali u multireġjonali; kif ukoll
- I-għoti ta’ appoġġ kontinwu fl-implimentazzjoni tal-RRPs.

Sussegwentement, ġew organizzati djalogi mal-Istati Membri biex jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet nazzjonali rilevanti fit-tnejn ta’ talbiet ta’ kwalità għolja għal appoġġ, u biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta’ oqsma ta’ ħtiġijiet komuni li għalihom ikun xieraq appoġġ multinazzjonali.

Talbiet għal appoġġ tat-TSI 2024

Sejħa ġenerali

Sal-31 ta' Ottubru 2023, **is-27 Stat Membru kollha kienu ssottomettew 604 talbiet** għal appoġġ tekniku bi tweġiba għas-sejħa ġenerali tat-TSI 2024, għal ammont totali ta' EUR 240 miljun (madwar id-doppju tal-finanzjament disponibbli għat-TSI fl-2024) ⁶. It-talbiet sottomessi koprew firxa wiesgħa ta' oqsma li jaffettwaw il-ħajja tan-nies fl-UE. Dawn l-oqsma inkludew l-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fin-negozji u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi; l-implimentazzjoni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ta' riformi oħra meħtieġa għall-bidla lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti; l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indirizzar tal-eżodu ta' mħuħ; u l-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mentali liż-żgħażaġh u lit-tfal. It-talbiet sottomessi kollha tqiesu eliġibbli ⁷ u, ġew ivvalutati 604 talbiet għall-għażla taħt is-sejħa ġenerali.

Id-DĠ REFORM ivvaluta t-talbiet sottomessi skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament dwar it-TSI. Dawn jinkludu l-urġenza, il-firxa u l-profondità tal-isfidi identifikati; il-ħtiġijiet ta' appoġġ fir-rigward tal-oqsma ta' politika kkonċernati; l-analiżi tal-indikaturi soċjoekonomiċi; u l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva ġenerali tal-Istati Membri kkonċernati.


L-SĠ REFORM ikkonsulta lil dipartimenti/direttorati ġenerali oħra tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-appoġġ tekniku pprovdut fil-qafas tat-TSI 2024 kien allinjat mal-politiki tal-UE u biex jevita d-duplikazzjoni ta' azzjonijiet u finanzjament oħra tal-UE, filwaqt li jikkomplementa u jibni fuq programmi oħra tal-UE.

It-talbiet indirizzaw il-ħtiġijiet ta' appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri identifikati f'ċirkostanzi differenti stabbiliti fir-[Regolament dwar it-TSI](#) ⁸. Dawn inkludew riformi biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati permezz tal-proċess ta' governanza ekonomika tal-UE, kif ukoll daww marbuta mal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE u l-prijoritajiet ta' riforma tal-Istati Membri stess.

⁶ L-ammont ta' finanzjament disponibbli għas-sejħa ġenerali tat-TSI 2024 kien ta' EUR 123 229 347 (kif indikat fid-Deċiżjoni ta' Finanzjament tat-TSI 2024).

⁷ L-eliġibbiltà tat-talbiet tiġi vverifikata abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament dwar it-TSI, jiġifieri fl-Artikoli 8 u 9. L-eliġibbiltà tal-benefiċjarji potenzjali tiġi vverifikata wkoll abbażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament dwar it-TSI, jiġifieri fl-Artikolu 2.

⁸ Talba waħda għal appoġġ tekniku tista' tkun marbuta ma' diversi ċirkostanzi.



Illustrazzjoni 3 - TSI 2024: iċ-ċirkostanzi tat-talbiet tal-Istati Membri

Wara l-proċess ta' valutazzjoni u għażla deskritt fl-Anness 1, **intgħażlu 307 talbiet** li jkopru riformi relatati mal-prijoritajiet ewlenin tal-UE **taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2024 għal total ta' EUR 120 miljun**. Erba' talbiet addizzjonali (tnejn sottomessi taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2024 u tnejn sottomessi taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2023) intgħażlu aktar tard fl-2024 peress li kien hemm finanzjament addizzjonali disponibbli. Dan ġab l-għadd totali ta' talbiet magħżula taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2024 għal 309, inklużi⁹:

- 167 talba relatati mal-implimentazzjoni tal-RRPs nazzjonali ¹⁰;
- 85 talba relatati mat-tranżizzjoni diġitali;
- 96 talba relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- 61 talba relatati mal-ugwaljanza: l-appoġġ għan-nisa, għall-persuni b'diżabilità, għall-komunità Rom, għall-migranti, għall-persuni akbar fl-età u għall-komunità LGBTQIA+;
- 31 talba relatati mal-iskambju ta' kooperazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika (PACE, public administration cooperation exchange), li huwa proġett multinazzjonali ewlieni mmirat lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambji transfruntiera fost l-Istati Membri.

Fl-2024, intgħażlu talbiet għall-Istati Membri kollha. Ma ġiet adottata l-ebda miżura speċjali ¹¹.

Sejħa ddedikata

DĠ REFORM nieda **sejħa ddedikata** ¹²fil-qafas tat-TSI fit-12 ta' Ġunju 2024 biex jipprovdli lill-Istati Membri b'għarfien tekniku mfassal apposta biex iħejju l-NIPs tagħhom taħt il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ġew riċevuti disa' talbiet mill-Istati

⁹ Talba waħda għal appoġġ tekniku tista' tikkontribwixxi għal diversi prijoritajiet tal-UE.

¹⁰ Abbażi tal-għadd ta' talbiet iġġenerati mid-DĠ REFORM bħala li għandhom rabta diretta jew indiretta mal-RRPs nazzjonali.


¹¹ Jistgħu jittiegħdu miżuri speċjali skont l-Artikolu 12(7) tar-Regolament dwar it-TSI f'każ ta' ħtiġijiet urġenti.

¹² Is-sejħa ddedikata ġiet iffinanzjata taħt id-Deċiżjoni ta' Finanzjament tat-TSI 2023, minħabba d-disponibbiltà ta' fondi residwi tagħha.

Membri bi tweġiba għas-sejħa ddedikata. Id-disgħa kollha ntgħażlu, għal valur totali ta' EUR 1,95 miljun, wara li ġew ivvalutati skont il-kriterji ta' valutazzjoni tat-TSI.

Proġetti tat-TSI 2024

Id-[Deċiżjoni ta' Finanzjament u l-programm ta' ħidma annwali tagħha](#) ġew adottati fis-26 ta' Marzu 2024. Dawn jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-TSI 2024¹³. It-**307 talbiet magħżula ġew issimplifikati f'170 proġett**¹⁴, minħabba li diversi talbiet f'diversi każijiet ġew magħquda fi proġett wieħed biex jittieħed vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala, jiġu promossi sinerġiji u jiġu ffaċilitati opportunitajiet ta' apprendiment bejn il-pari. Dawk il-170 proġett appoġġaw lis-**27 Stat Membru** kollha fit-309 inizjattivi ta' riforma¹⁵.




Illustrazzjoni 4 - TSI 2024: għadd ta' riformi appoġġati f'kull Stat Membru

L-interess mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi **proġetti multinazzjonali** kompli jiżdied fl-2024. Dan wassal biex l-għadd ta' proġetti bħal dawn jiżdied minn 34 fil-qafas tat-TSI 2023 (minn 151) għal **43 fil-qafas tat-TSI 2024** (minn 170, bil-proġett ewlieni PACE (ara aktar 'l isfel) jirrappreżenta proġett wieħed, bħal fil-qafas tat-TSI 2023). L-Istati Membri wrew ukoll l-interess tagħhom fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell reġjonali permezz ta' **38 proġett multireġjonali**, żieda fuq it-32 proġett fil-qafas tat-TSI 2023.

¹³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2024)1817 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-finanzjament tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2024.

¹⁴ Proġett wieħed għall-"Modernizzazzjoni tal-proċessi ta' kontabbiltà u tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Istat fil-Kroazja" ġie magħqud ma' proġett eżistenti fil-qafas tat-TSI 2023.

¹⁵ L-għadd totali ta' riformi appoġġati fil-qafas tat-TSI 2024 huwa ogħla mill-għadd totali ta' proġetti minħabba li l-proġetti multinazzjonali kienu jikkorrispondu għal riformi multipli fi Stati Membri differenti fil-qafas tat-TSI 2024.



Illustrazzjoni 5 - TSI 2021-2024: bidla fl-għadd ta' proġetti multinazzjonali u proġetti tal-PACE

Pereżempju, il-proġetti tat-TSI 2024 inkludew proġetti multinazzjonali biex jgħinu lill-Istati Membri jesploraw (i) kif l-IA tista' tgħin fl-ipproċessar tad-data b'mod sikur u effettiv fl-oqsma tas-sigurtà soċjali, il-benesseri u l-impjiegi; u (ii) kif jistgħu jiżguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri filwaqt li jużaw il-karatteristiċi tal-IA. Ftigijiet oħra ta' riforma komuni li rċewew appoġġ varjaw mit-trawwim ta' sistemi ta' żvilupp tal-ħiliet għat-titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi.

Proġetti ewlenin

L-ċiklu tat-TSI 2024 wera **adozzjoni aktar b'saħħitha ta' proġetti ta' appoġġ tekniku ewlenin** milli f'ċikli preċedenti. 82 mill-170 proġett tat-TSI 2024 kienu marbuta mat-13-il proġett ewleni, inkluż fl-oqsma tat-tranżizzjoni ekoloġija u dik diġitali, tal-enerġija, tal-amministrazzjoni pubblika, tal-finanzi pubbliċi, tal-integrazzjoni tal-migranti u tal-kura tas-saħħa. Dan it-48 % kien żieda sinifikanti fuq it-33 % fil-qafas tat-TSI 2023 (50 minn 151 proġett) u kkonferma r-rilevanza tat-13-il proġett ewleni mressqa mid-DĠ REFORM biex jiġu indirizzati l-ftigijiet ta' riforma f'diversi Stati Membri u marbuta mal-prioritajiet ewlenin tal-UE.

Proġetti ewlenin tat-TSI 2024

- PACE – L-Iskambju ta' Kooperazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika
- Amministrazzjoni pubblika lesta għall-AI
- Litteriżmu finanzjarju diġitali
- Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u tad-dwana
- Titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi
- Appoġġ għall-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku
- Appoġġ għall-Fond Soċjali għall-Klima u s-Sistema riveduta tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet
- Negħlbu l-ostakli għall-iżvilupp reġjonali
- It-tisħiħ tal-kapaċità ta' akkoljenza u ta' akkomodazzjoni għall-migranti
- Is-saħħa mentali: it-trawwim tal-benesseri u s-saħħa mentali
- Proġett ewlieni dwar il-ħiliet: it-trawwim ta' sistemi ta' żvilupp tal-ħiliet adattati aħjar għas-suq tax-xogħol
- It-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt
- Amministrazzjoni pubblika tal-futur

Il-proġett multinazzjonali ewlieni **PACE** għandu l-għan li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambji transfruntiera fost l-Istati Membri biex tinbena l-kapaċità amministrattiva u biex tittejjja l-ġenerazzjoni li jmiss ta' dawh li jfasslu l-politika fl-UE. Dan jisfrutta t-TAIEX. PACE reġa' ra adozzjoni sinifikanti bl-oġettiv li jiġu implimentati **70 skambju fi 12-il Stat Membru** ¹⁶għal **200** parteċipant.

Appoġġ għall-RRP

It-TSI kompla jappoġġa r-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs fl-oqsma ta' politika kollha tal-governanza u tal-amministrazzjoni pubblika; it-tranżizzjoni diġitali; it-**tkabbir sostenibbli** u l-ambjent tan-negozju; is-suq tax-xogħol; is-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali; l-amministrazzjoni tad-dħul u l-ġestjoni finanzjarja pubblika; u s-settur finanzjarju.

Sitt proġetti tat-TSI 2024 kienu marbuta direttament ma' RRP nazzjonali, li jgħinu lill-Greċja, lill-Kroazja, lill-Italja, lil Ċipru, lil Malta, lill-Portugall u lis-Slovakkja jżidu l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw l-RRPs tagħhom.

LENTI FUQ IL-PROĠETTI TAT-TSI B'RABTA DIRETTA MAL-RRPs

Żewġ eżempji ta' proġetti tat-TSI 2024 b'rabtiet diretti mal-RRPs jinkludu: 1) proġett għall-**indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa f'Ċipru**¹⁷, li allinja mal-prijoritajiet ta' politika tal-RRP u l-implimentazzjoni tiegħu billi tejjeb il-proċessi u bena l-kapaċità fid-Dipartiment tat-Taxxa ta' Ċipru biex jimplimenta b'mod effettiv l-ipprezzar ta' trasferiment u leġiżlazzjoni oħra kontra l-evitar tat-taxxa; u 2) proġett għat-**tisħiħ tal-metodoloġiji tal-ikkostjar tal-politiki u tal-prattiki tal-ibbaġitjar fuq terminu medju fil-Portugall**. Il-proġett ikkomplementa l-appoġġ preċedenti lill-Portugall fil-qasam tal-programm u tal-

¹⁶ Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja.

¹⁷ Dan kien ukoll proġett multinazzjonali għal Malta, fejn madankollu r-rabta mal-RRP kienet indiretta.

ibbaġitjar fuq terminu medju bil-għan li jiġu kkoordinati aħjar ir-riformi tal-ġestjoni finanzjarja pubblika li għaddejjin u li ġejjin, u li jiġu indirizzati r-rekwiżiti relatati mar-rieżami rivedut tal-governanza ekonomika tal-UE.

Proġett pilota għall-pajjiżi tat-tkabbir bħala osservaturi

Id-DĠ REFORM u d-DĠ NEAR komplew il-proġett pilota biex jippermettu lill-pajjiżi tat-tkabbir ikunu “osservaturi” ta’ proġetti magħżula tat-TSI fl-2024. Dan kien konsistenti mal-prijorità politika tal-Kummissjoni li taċċellera l-integrazzjoni tal-pajjiżi tat-tkabbir u l-proċess ta’ adeżjoni għalihom ¹⁸, u segwa rispons pożittiv kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-pajjiżi tat-tkabbir dwar il-proġett pilota li tnieda fl-2023. Dan sar bil-qbil tal-awtoritajiet benefiċjarji rispettivi fl-Istati Membri u bl-involviment tal-pajjiżi tat-tkabbir (mingħajr finanzjament mit-TSI).

F’konformità mal-approċċ segwit għall-ewwel proġett pilota tat-TSI, it-tieni proġett pilota ġie offrut lill-10 pajjiżi tat-tkabbir kollha fl-2024. Disa’ pajjiżi tat-tkabbir esprimew interess li jipparteċipaw u għamlu dan (kollha minbarra l-Ukrajna), filwaqt li segwew disa’ proġetti (li tlieta minnhom ġew segwiti minn aktar minn pajjiż tat-tkabbir wieħed). Pereżempju, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo ^{19*} u l-Moldova jipparteċipaw bħala osservaturi fi proġett tat-TSI 2024 bl-oġettivi ġenerali tat-tiżni tal-aċċess reġjonali għal inizjattivi u fondi tal-UE u l-prestazzjoni fihom.

Proġetti taħt is-sejha ddedikata fl-2024

Id-disa’ proġetti mnedija taħt is-sejħa ddedikata biex jiġu appoġġati l-Istati Membri fit-tnejja tal-NIPs tagħhom taħt il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil irċewew appoġġ prattiku minn esperti b’għarfien tal-oqfsa u s-sistemi legali nazzjonali, kif ukoll minn esperti internazzjonali b’għarfien tal-prattiki rilevanti f’pajjiżi oħra.

III. Eżekuzzjoni tal-proġett

L-esperti tad-DĠ REFORM kienu involuti mill-qrib fil-fażijiet kollha tal-proġetti mnedija fil-qafas tat-TSI 2024: it-tfassil tal-proġett, l-implimentazzjoni tal-proġett, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress u tal-kisbiet.

Fl-ewwel stadji tal-identifikazzjoni u tfassil tal-proġett, id-DĠ REFORM ibbaża fuq il-kollaborazzjoni essenzjali ma’ atturi ewlenin oħra. Id-DĠ REFORM żviluppa ideat tal-proġetti bl-użu tal-approċċ xprunat mid-domanda tat-TSI. Dan l-approċċ involva interazzjoni estensiva mal-awtoritajiet nazzjonali (permezz ta’ sensibilizzazzjoni u laqgħat ta’ livell għoli bejn il-maniġment superjuri ta’ REFORM u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali) biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet u l-eżiti maħsuba tal-proġetti. Il-koordinaturi tal-pajjiżi (l-uffiċjali tad-DĠ REFORM li jaġixxu bħala l-punti ewlenin ta’ kuntatt mal-awtoritajiet ta’ koordinazzjoni tal-Istati Membri) kellhom rwol ewlieni f’dawn l-interazzjonijiet.

¹⁸ Il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Moldova, il-Maċedonja ta’ Fuq, l-Albanija, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna, il-Georgia u l-Kosovo^{22*}.

^{19*} Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi ma’ UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Wara l-għażla tat-307 talbiet fil-qafas tat-TSI 2024, id-DĠ REFORM iddeċieda fuq il-metodi ta' implimentazzjoni għall-170 proġett korrispondenti li għandhom jiġu mnedija fil-qafas tat-TSI 2024. L-uffiċjali tal-politika (involuti bħala maniġers tal-proġetti), iddefinew l-outputs li jridu jiġu prodotti fi ħdan il-proġetti, biex jiżguraw impatt sinifikanti fuq l-inizjattivi ta' riforma tal-Istati Membri. Huma qablu wkoll fuq il-pjan ta' ħidma u l-attivitajiet speċifiċi li jridu jiġu implimentati mal-awtoritajiet nazzjonali.

Kif indikat fil-programm ta' ħidma tal-2024 għat-TSI skont ir-Regolament dwar it-TSI, l-akkwist pubbliku kien jirrappreżenta 26 % tal-baġit tat-TSI fiċ-ċiklu tal-2024 (tnaqqis minn 43 % fl-2023 u fl-2022).

It-talbiet tal-Istati Membri għal appoġġ tekniku speċjalizzat ħafna (u xi drabi sensittiv) irriżultaw f'**żieda fil-kooperazzjoni mal-entitajiet ivvalutati skont il-pilastri (PAEs, pillar assessed entities) taħt ġestjoni indiretta għat-TSI** f'dawn l-aħħar snin. Il-kooperazzjoni taħt il-ġestjoni indiretta rrappreżentat 66 % tal-baġit taċ-ċiklu tat-TSI 2024 (żieda minn 47 % tal-baġit taċ-ċiklu tat-TSI 2023).

B'mod ċar, il-ġestjoni indiretta saret il-metodu ewlieni ta' implimentazzjoni tal-proġetti tat-TSI fiċ-ċiklu tal-2024, b'żieda ta' sena b'sena fl-għadd ta' PAEs li jipprovdu għarfien espert għall-proġetti tat-TSI. Bħala eżempju, id-DĠ REFORM ikkoopera b'mod estensiv mal-PAEs bħal organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Bank Dinji, in-Nazzjonijiet Uniti); entitajiet bħall-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni; entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku (eż. Expertise France); u korpi tal-UE (eż. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji).

Il-proporzjon ta' għotjiet fi ħdan il-baġit tat-TSI fiċ-ċiklu tal-2024 naqas għal 4 % (tnaqqis minn 7 % fiċ-ċiklu tal-2023).

Id-DĠ REFORM kien involut b'mod attiv fil-kumitati ta' tmexxija tal-proġetti flimkien mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali biex jiżgura l-koordinazzjoni tal-azzjoni u l-allinjament mal-prijoritajiet nazzjonali. Dan serva l-finijiet ta' (i) is-salvagwardja tas-suċċess tal-proġetti permezz tal-monitoraġġ tal-progress tagħhom; (ii) it-tmexxija tal-attivitajiet lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri involuti; u (iii) iż-żieda tal-viżibbiltà tat-TSI. Din il-koordinazzjoni, li kienet xprunata mill-uffiċjali tal-politika, uriet li kienet saħnsitra aktar fundamentali għal proġetti li involvew diversi pajjiżi b'aktar partijiet ikkonċernati li kellhom jiġu allinjati. Proġetti multinazzjonali kienu kkaratterizzati minn objettiv komuni fost l-Istati Membri involuti. Billi kienu involuti f'dan it-tip ta' proġett, huma bbenefikaw minn kollaborazzjoni mtejba fil-livell tal-UE, peress li l-kooperazzjoni pprovdiet valur miżjud tal-UE fl-ilħuq tal-prijoritajiet nazzjonali u, fejn applikabbli, fir-rigward tal-RRPs nazzjonali.

Direttorati Ġenerali oħra tal-Kummissjoni u aġenziji deċentralizzati tal-UE (eż. l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), kienu involuti b'mod regolari fit-TSI billi pprovdew għarfien espert dwar oqsma tematiċi ta' politika (kif kienu għaċ-ċikli preċedenti). In-network stabbilit ta' rappreżentanti minn direttorati ġenerali oħra żgura li l-proġetti kienu konsistenti mal-politiki tal-UE u ħolqu valur miżjud, filwaqt li evitaw duplikazzjonijiet ma' inizjattivi oħra li għaddejjin fil-livell tal-UE.

IV. Pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ

FI-2024 ġew iffirmati **pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ** ²⁰(CSPs, cooperation and support plans) ma' kull Stat Membru. Dawn is-CSPs jistabbilixxu l-prinċipji gwida li jirregolaw l-għoti ta' appoġġ tat-TSI lill-Istati Membri, il-metodi ta' ħidma ppjanati, iċ-ċirkostanzi tat-talbiet, il-kamp ta' applikazzjoni maħsub tal-miżuri ta' appoġġ, u l-finanzjament indikattiv tal-appoġġ, f'konformità mar-Regolament dwar it-TSI. Is-CSPs jindikaw il-ftehim komuni tad-DĠ REFORM u tal-Istati Membri dwar l-għoti ta' appoġġ tekniku. Dawn tnedew u ġew iffirmati wara li ġie adottat il-programm ta' ħidma annwali tat-TSI. Imbagħad intbagħtu, kif approvat mill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

FI-2024 (bħal fis-snin preċedenti), is-CSPs iddeskrivew il-mandat propost tal-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni tat-TSI, filwaqt li wrew ir-rwol tagħhom f'kull pass taċ-ċiklu tat-TSI.

In-network tal-awtoritajiet ta' koordinazzjoni, li mbagħad kien immexxi mid-DĠ REFORM, iltaqa' ħames darbiet fl-2024 (tliet darbiet online u darbtejn personalment, fil-25 ta' April fi Brussell u fl-10 ta' Settembru f'Budapest).

V. Komunikazzjoni dwar it-TSI

It-TSI huwa notevoli għat-tfassil innovattiv u l-adattabilità tiegħu. Huwa jaħdem mal-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE, fl-2024 id-DĠ REFORM ippromwova t-TSI b'mod attiv (inklużi l-proġetti u l-eżiti tiegħu), billi ħadem flimkien mal-awtoritajiet benefiċjarji, mal-fornituri ta' appoġġ u mal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni f'kull Stat Membru. L-isforzi ta' komunikazzjoni permezz ta' kanali bħal stqarrijiet għall-istampa, is-sit web ta' Appoġġ għar-Riforma, il-media soċjali, il-pubblikazzjonijiet, u diversi avvenimenti pprovdew informazzjoni mmirata lil diversi udjenzi, inklużi l-media u l-pubbliku ġenerali.

FI-2024, l-isforzi ta' komunikazzjoni relatati mat-TSI u l-appoġġ għar-riforma komplew jenfassizaw il-preżentazzjoni tal-prijoritajiet, ir-riżultati, u l-istadji importanti fiċ-ċiklu tal-programm.

Id-DĠ REFORM kellu l-[konferenza stampa annwali tat-TSI 2024](#) fis-26 ta' Marzu 2024. Huwa ħabbar li l-programm ta' ħidma u d-deċiżjoni ta' finanzjament tat-TSI 2024 kienu ġew adottati. Huwa enfasizza wkoll il-punt li s-sensjela l-ġdida ta' proġetti ta' riforma tikkontribwixxi għat-titjib tas-servizzi pubbliċi, it-trawwim tal-kompetittività lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti u l-iżgurar tal-iżvilupp lokali u reġjonali.

Biex jitnieda ċ-ċiklu tat-TSI 2025, id-DĠ REFORM organizza [Konferenza Annwali tat-TSI](#) dwar *"Riformi b'impatt: Flimkien aħna aktar b'saħħitna!"* fl-24 u l-25 ta' April 2024. Il-Kummissarji u l-kelliema ta' livell għoli minn 13-il Stat Membru tal-UE ddiskutew kif l-UE tappoġġa l-proċessi ta' riforma tal-Istati Membri u kif il-Kummissjoni tista' tkompli tappoġġahom bl-aħjar mod fil-futur. Aktar minn 3 000 parteċipant attendew l-avveniment, fi Brussell u online, rekord għall-avveniment, li beda fl-2021.

²⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament dwar it-TSI.

Fis-27 ta' Ġunju 2024, id-DĠ REFORM organizza [Konferenza ta' livell għoli ComPAct](#) dwar "Spazju amministrattiv pubbliku li jsaħħaħ it-*tkabbir*", b'enfasi fuq kif l-amministrazzjoni pubblika madwar l-UE tista' twieġeb b'mod aktar effiċjenti għall-*ħtiġijiet* tal-pubbliku. 500 parteċipant attendew il-konferenza fi Brussell u online.

Id-DĠ REFORM ukoll ikkollabora jew ħa sehem f'diversi avvenimenti pubbliċi lokali u online, filwaqt li wera stejjer ta' suċċess u ppubbliċizza l-kisbiet tal-TSI. Dawn inkludew:

- diversi panels fil-Laqgħa Annwali tal-Forum Ekonomiku Delphi IX, 10-13 ta' April 2024;
- konferenza dwar "[Il-bini ta' kapaċità lokali u reġjonali b'saħħitha bl-appoġġ tekniku tal-UE](#)", 10 ta' Ottubru 2024;
- kampanja fuq il-media soċjali bħala parti mill-[COP16](#), f'Calì, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru sal-1 ta' Novembru 2024.

FI-2024, il-komunikazzjoni tat-TSI kompliet tagħmel tranżizzjoni lil hinn mill-approċċ orjentat lejn il-proġett adottat fis-snin inizjali tat-TSI lejn l-enfasi fuq ir-riformi u l-impatt usa' tagħhom. B'mod partikolari, id-DĠ REFORM immarka t-tmien tal-mandat tal-Kummissjoni u l-ħames anniversarju tat-TSI billi ppubblika fuq l-["It-twertiq tar-riformi"](#) fit-8 ta' Lulju 2024. Dan jenfasizza l-kisbiet ewlenin tar-riforma tal-istrument mill-2020 sal-2024.

Is-[sit web ta' Appoġġ għar-Riforma](#) għandu interfaċċa faċli għall-utent u jipprovdi informazzjoni dwar ir-riformi strutturati skont l-[oqsma ta' politika](#) u skont l-[Istat Membru](#). FI-2024, aċċessawh aktar minn 190 000 viżitatur uniku. Sal-aħħar ta' Diċembru 2024, aktar minn 550 deskrizzjoni tal-proġett tat-TSI kienu disponibbli online u setgħu jinstabu faċilment permezz tal-[mappa interattiva tat-TSI](#).

F'konformità mar-rekwiżit ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-TSI, is-sit web ta' Appoġġ għar-Riforma huwa wkoll [repożitorju pubbliku online uniku ta' studji jew rapporti finali](#) prodotti permezz ta' proġetti tat-TSI. Dan ir-repożitorju jista' jiġi kkonsultat skont is-sena, is-suġġett, u l-Istat Membru, u jippermetti t-tixrid wiesa' ta' dawn id-dokumenti. Sa Diċembru tal-2024, 49 % tal-proġetti tat-TSI kompluti kellhom l-istudji jew ir-rapporti finali tagħhom disponibbli online.

Id-DĠ REFORM baqa' attiv fuq il-media soċjali, b'aktar minn 3 900 segwaċi fuq il-kont X tiegħu ta' [@EU Reforms](#) (li qabel kien Twitter). Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni interna tal-vidjo tad-DĠ REFORM ippermettietlu jaġġorna l-[kanal ta' YouTube](#) tiegħu b'kontenut ġdid u oriġinali. FI-2024 ġew prodotti tmien vidjos dwar suġġetti bħall-protezzjoni tal-[bijodiversità](#), il-politiki ekoloġiċi, l-appoġġ tat-TSI fir-riforma tas-[servizzi ta' emerġenza](#), u t-tranżizzjoni [diġitali](#).

Kampanji u rapporti ta' komunikazzjoni madwar l-UE (bħar-[Rapport Ġenerali tal-UE tal-2024](#)) spiss jenfasizzaw ir-rwol tat-TSI fl-assistenza lill-Istati Membri biex jilħqu l-għanijiet ta' riforma tagħhom f'konformità mal-oġettivi tal-UE.

VI. Evalwazzjoni tat-TSI

SĠ REFORM (u preċedentement DĠ REFORM) jivvaluta kontinwament l-appoġġ tekniku li jipprovdi lill-Istati Membri permezz tat-TSI, kemm fil-livell ġenerali tal-

programm kif ukoll f'dak individwali tal-proġett, biex jikseb evidenza tal-kisbiet tal-programm.

Fil-livell ġenerali tal-programm, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI ²¹ adottata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Mejju 2025 analizzat l-implimentazzjoni bikrija tat-TSI skont il-ħames kriterji obligatorji għall-evalwazzjoni ta' regolamentazzjoni aħjar (effettività, effiċjenza, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE), f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar it-TSI. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kopra l-proġetti kollha ffinanzjati taħt iċ-ċikli tat-TSI tal-2021, l-2022 u l-2023, fis-27 Stat Membru kollha tal-UE. Dan jammonta għal total ta' 611-il proġett ta' appoġġ tekniku, għal baġit totali ta' EUR 359 miljun. Il-fatt li madwar nofs il-proġetti biss miċ-ċikli tal-2021-2023 kienu ngħalqu saż-żmien tal-evalwazzjoni llimita l-kapaċità tagħha li tanalizza r-riżultati fit-tul tat-TSI u l-kontribut tagħha għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi fl-Istati Membri. L-evalwazzjoni wriet ukoll ċerti limitazzjonijiet fit-tfassil tar-Regolament dwar it-TSI li jaffettwaw it-traċċar tal-eżiti tat-TSI. B'mod partikolari, innutat, (i) in-nuqqas ta' referenzi diretti għal kisbiet speċifiċi ta' riforma fil-formulazzjoni tal-oġġettivi tat-TSI; u (ii) in-nuqqas ta' obbligi speċifiċi ta' rapportar għall-Istati Membri dwar l-istatus tar-riformi appoġġati.

Sabiex jiġi pprovdut kontribut robust u indipendenti għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI, fil-21 ta' Diċembru 2023 ġie kkuntrattat studju ta' appoġġ estern li ġie ffinalizzat fl-1 ta' Diċembru 2024. Barra minn hekk, id-DĠ REFORM wettaq konsultazzjoni pubblika miftuħa speċifika dwar it-TSI li saret bejn it-18 ta' Marzu u l-10 ta' Ġunju 2024 fuq il-portal ta' "Semma' Leħnek". Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI ppubblikata fit-12 ta' Mejju 2025 ²², it-TSI nstab li huwa strument rilevanti ħafna li huwa mfassal tajjeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, prinċipalment minħabba t-tfassil tal-istrument u n-natura tiegħu xprunata mid-domanda. Il-proġetti multinazzjonali jitqiesu bħala mezz biex jiġu indirizzati sfidi transfruntiera usa' filwaqt li jżidu l-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' prattika tajba bejn il-pajjiżi parteċipanti. L-għadd ta' proġetti bħal dawn żdied ċiklu b'ċiklu. Il-proġetti tat-TSI kkontribwew sostanzjalment għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE, u għall-appoġġ tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Il-proġetti ewlenin tat-TSI jżidu l-valur billi jallinjaw mal-prijoritajiet tal-UE, jixprunaw il-konformità regulatorja u jippromwovu l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

L-evalwazzjoni kkonfermat li t-TSI qed jilħaq b'suċċess l-oġġettiv speċifiku tiegħu, li huwa li jtejjeb it-tipi kollha ta' kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri madwar l-UE, speċjalment il-mekkaniżmi amministrattivi interni li huma l-bażi għar-riformi. Huwa enfażizza wkoll il-punt li s-suċċess tal-appoġġ tekniku u l-kisba ta' riżultati sostenibbli fit-tul jiddependu fuq is-segwitu konsistenti u sistematiku ta' proġetti ta' appoġġ tekniku mill-Istati Membri. L-evalwazzjoni wriet li s-sjieda kontinwa mill-awtoritajiet nazzjonali kienet fattur kruċjali fl-iżgurar ta' azzjonijiet ta' segwitu u l-użu tal-outputs ipprovduti minn proġetti ta' appoġġ tekniku. L-evalwazzjoni sabet li dan is-segwitu jiddependi wkoll fuq

²¹ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (2021-2027), COM/2025/198 final: [EUR-Lex - 52025DC0198 - MT - EUR-Lex](#).

²² Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (2021-2027), COM/2025/198 final: [EUR-Lex - 52025DC0198 - MT - EUR-Lex](#).

fatturi nazzjonali addizzjonali, bħad-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji, l-istabbiltà tal-persunal, u l-kontinwità politika u amministrattiva.

Abbażi tas-sejbiet u t-tagħlimiet meħuda minn din l-evalwazzjoni, SĠ REFORM qed jirrifletti u jaħdem fuq strateġija ġdida ta' evalwazzjoni biex isaħħaħ il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ tekniku fil-qafas tat-TSI u biex isegwi aħjar ir-riżultati fit-tul miksuba wara l-għeluq ta' proġett tat-TSI.

Fil-livell ta' proġett individwali, id-DĠ REFORM stabbilixxa "mekkaniżmu ta' rispons" f'żewġ stadji biex jimmonitorja u jivvaluta proġetti individwali tat-TSI. L-ewwel stadju, li jibda ftit wara l-għeluq tal-proġett, jivvaluta l-livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fit-tfassil u t-twettiq tal-proġett. It-tieni stadju, li jibda mill-inqas sena wara l-għeluq tal-proġett, jivvaluta l-punt sa fejn il-proġett ikun kiseb l-eżiti mistennija tiegħu.

Matul l-2024, id-DĠ REFORM baġhat 181 kwestjonarju ta' sodisfazzjon lill-awtoritajiet benefiċjarji. Huwa rċieva kwestjonarji ta' sodisfazzjon kompluti għal 111-il proġett tat-TSI (rata ta' rispons ta' 61 %). Ir-rispons mill-awtoritajiet benefiċjarji indika klassifikazzjoni medja ta' sodisfazzjon ta' 9,3 minn 10 għall-appoġġ ipprovdut mid-DĠ REFORM u 8,8 minn 10 għas-suċċess tal-proġetti. Dawn il-klassifikazzjonijiet kienu t-tnejn pożittivi ħafna. Is-sodisfazzjon medju tal-awtoritajiet benefiċjarji fir-rigward tal-fornitur tal-proġett tagħhom (jiġifieri l-entità li tipprovdni l-għarfien espert taħt il-proġett tat-TSI) kien ta' 84 %, ukoll indikazzjoni pożittiva. Saru sforzi, li għadhom għaddejjin, fi ħdan SĠ REFORM biex jiżdedu r-rati ta' rispons sabiex jiġu segwiti aħjar ir-riżultati fit-tul miksuba wara l-għeluq ta' proġett tat-TSI.

VII. **Attivitajiet interistituzzjonali**

Fil-livell interistituzzjonali, il-Kummissarju għall-Koeżjoni u r-Riformi ta' dak iż-żmien, Elisa Ferreira, iltaqgħet mal-Kumitat tal-Baġit u mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari fil-Parlament Ewropew fil-21 ta' Ottubru 2024 għal skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-istrument, f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament dwar it-TSI. Dan segwa sessjoni ta' informazzjoni organizzata mid-DĠ REFORM fil-Parlament Ewropew għas-segretarjati tal-Kumitat tal-Baġit u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari fit-18 ta' Ottubru 2024.

Fir-rigward tal-Kunsill, fuq stedina tal-Presidenza tal-Kunsill, ir-Rapport Annwali tat-TSI tal-2023 ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji tal-Kunsill (FICO) fil-21 ta' Ottubru 2024, kif ukoll lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Suq Intern) fil-5 ta' Diċembru 2024. Il-proġetti u l-attivitajiet tat-TSI kienu koperti wkoll f'diversi preżentazzjonijiet oħra lill-Kunsill matul l-2024.

KONKLUŻJONI

Fl-2024, hekk kif laħaq il-punt intermedju tiegħu fil-QFP, it-TSI żied l-enfasi tiegħu fuq l-appoġġ għar-riformi tal-Istati Membri li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE permezz ta' proġetti ewlenin u, fejn rilevanti, permezz ta' proġetti multinazzjonali, sabiex jimmassimizza l-valur miżjud tal-appoġġ ipprovdut.

Ġew riċevuti 604 talbiet ta' kwalità għolja għal appoġġ mill-Istati Membri taħt is-sejħa ġenerali tat-TSI 2024, li għal darb'oħra qabżu l-kapaċità tal-programm. Wara proċess rigoruż ta' valutazzjoni u għażla, **intgħażlu 307 talbiet – flimkien ma' żewġ talbiet oħra magħżula aktar tard - għal ammont ta' EUR 120 miljun**, li wassal għat-tfassil ta' **170 proġett** biex jappoġġaw **309 inizjattivi ta' riforma** fl-Istati Membri kollha. Aktar tard, disa' Stati Membri ġew appoġġati wkoll permezz ta' sejħa ddedikata tat-TSI fit-tnejn tal-NIPs tagħhom taħt il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Il-proġetti multinazzjonali ammontaw għal 25 % tal-proġetti tat-TSI 2024, filwaqt li 48 % kienu marbuta ma' proġetti ewlenin. **Iż-żieda** kontinwa ta' **proġetti multinazzjonali** wriet il-kapaċità tat-TSI li jgħib aktar valur miżjud tal-UE u li jiffaċilita l-iskambju ta' Prattika tajba u opportunitajiet ta' apprendiment reċiproku bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Bl-istess mod, l-**adozzjoni aktar b'saħħitha ta' inizjattivi ewlenin proposti tat-TSI** meta mqabbla maċ-ċikli preċedenti kkonfermat dan l-approċċ u żgurat enfasi qawwija fuq il-prijoritajiet tal-UE fil-qafas tat-TSI 2024, filwaqt li tinżamm in-natura xprunata mid-domanda tat-TSI.

L-appoġġ kontinwu tad-DĠ REFORM għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-proġetti tat-TSI, inklużi dawk minn ċikli preċedenti (minħabba t-tul pluriennali ta' ħafna proġetti tat-TSI), żgura li l-outputs tagħhom baqgħu konformi mal-oġġettivi tal-Istati Membri u reġa' ġie ġġudikat b'mod pożittiv mill-Istati Membri. Abbażi tar-rispons riċevut mill-awtoritajiet beneficijarji fil-livell tal-proġett u mill-awtoritajiet ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali, **l-Istati Membri apprezżaw ħafna l-appoġġ** ipprovdut permezz tat-TSI. Ir-rwol attiv li jista' jkollhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-proġetti u fil-**komunikazzjoni effettiva tad-DĠ REFORM** ġew innutati b'mod pożittiv mill-Istati Membri. Il-firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika koperti mill-istrument, f'konformità mat-talbiet mill-awtoritajiet nazzjonali, kompliet tkun adattata għall-Istati Membri.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI, li twettqet prinċipalment fl-2024 u ġiet ippubblikata fit-12 ta' Mejju 2025, sabet li l-istrument kien **rilevanti ħafna** u mfassal tajjeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Hija sabet ukoll li kien ikkontribwixxa b'suċċess biex jilħaq l-oġġettiv speċifiku tiegħu, li huwa li jtejjeb it-tipi kollha ta' kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri madwar l-UE, speċjalment il-mekkaniżmi amministrattivi interni li huma l-bażi għar-riformi. Hija enfasizzat ukoll il-punt li s-suċċess tal-appoġġ tekniku u l-kisba ta' riżultati sostenibbli fit-tul jiddependu fuq is-segwitu konsistenti u sistematiku ta' proġetti tat-TSI mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, intwera li sjieda kontinwata mill-awtoritajiet nazzjonali kienet fattur kruċjali fl-iżgurar li dawn l-awtoritajiet ħadu azzjonijiet ta' segwitu u użaw l-outputs ipprovduti minn proġetti ta' appoġġ tekniku. L-evalwazzjoni sabet li dawn l-azzjonijiet ta' segwitu jiddependu wkoll fuq fatturi nazzjonali addizzjonali, bħad-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji, l-istabbiltà tal-persunal, u l-kontinwità politika u amministrattiva.

Anness 1 – Iċ-ċiklu annwali tat-TSI

THEJJIIJA U SENSIBILIZZAZZJONI

Marzu-April Sena N-1

SĠ REFORM jiddefinixxi l-proġetti ewlenin proposti għaċ-ċiklu tat-TSI li jmiss, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u servizzi tal-Kummissjoni oħra, fejn

Mejju Sena N-1

Il-Konferenza Annwali tat-TSI tniedi uffiċjalment iċ-ċiklu tat-TSI li jmiss u tippreżenta l-prijoritajiet u l-innovazzjonijiet tal-programm lill-Istati

SOTTOMISSJONI U GĦAŻLA

Settembru–Ottubru Sena N-1

SĠ REFORM u l-Istati Membri jiddiskutu ideat għal talbiet potenzjali għal appoġġ tekniku tat-TSI.

31 Ottubru Sena N-1

L-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jirċievu appoġġ tekniku jippreżentaw it-talbiet tagħhom lill-Kummissjoni permezz tal-awtorità nazzjonali ta' koordinazzjoni tagħhom sal-31 ta' Ottubru. Is-sjeda u l-impenn huma kruċjali għas-suċċess tar-riformi.

Novembru-Diċembru Sena N-1

SĠ REFORM janalizza t-talbiet riċevuti skont il-prinċipji ta' trattament ugwali, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza. Il-fażi ta' valutazzjoni tinkludi wkoll il-konsultazzjoni ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni biex jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' trikkib u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà mal-politiki ta' appoġġ li għaddejjin bħalissa.

Diċembru–Marzu Sena N

SĠ REFORM jagħżel minn qabel il-proġetti ta' appoġġ tekniku li għandhom jiġu ffinanzjati u jniedi l-proċess intern tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni tapprova l-programm ta' ħidma tat-TSI u d-deċiżjoni ta' finanzjament għat-talbiet magħżula.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĠETT

Marzu Ġunju Sena N

SĠ REFORM ifassal il-proġetti tat-TSI u jiddefinixxi l-attivitajiet, l-outputs u l-eżiti ppjanati tal-proġett f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet benefiċjarji fl-Istati Membri. SĠ REFORM jagħżel l-aħjar għarfien espert disponibbli biex jgħin lit-tim iġib appoġġ imfassal apposta lill-Istati Membri.

Mejju-Ġunju Sena N

Il-Pjanijiet ta' Kooperazzjoni u Appoġġ tat-TSI jiġu miftiehma kull sena mill-Kummissjoni u mill-Istat Membru kkonċernat u jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità miftiehma u l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ, l-oġġettivi, l-iskeda ta' żmien indikattiva, u l-pakkett finanzjarju.

Ġunju Sena N 'il quddiem

Matul l-implimentazzjoni tal-proġett tat-TSI, SĠ REFORM jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet benefiċjarji u l-fornituri ta' għarfien espert tekniku.

EVALWAZZJONI TAL-PROĠETT

Tmiem il-proġett + 3 xhur

SĠ REFORM iniedi l-kwestjonarju ta' sodisfazzjon biex jiġbor rispons mill-persunal tal-SĠ REFORM, mill-awtoritajiet benefiċjarji u mill-fornituri dwar l-implimentazzjoni tal-proġett.

Tmiem il-proġett – 12-il xahar wara

SĠ REFORM isegwi mal-Awtoritajiet Benefiċjarji fl-Istati Membri biex jiżgura li jinkisbu l-eżiti mistennija u wara madwar 12-il xahar jibgħatilhom stħarriġ formali ta' rispons.

Anness 2 – Sejħa ġenerali tat-TSI 2024: talbiet skont l-Istat Membru ²³

Pajjiż	Sottomessi	Mhux magħżula	Magħżula
L-Awstrija	12	5	7
Il-Belġju	22	10	12
Il-Bulgarija	30	19	11
Il-Kroazja	30	17	13
Ċipru	27	15	12
Iċ-Ċekja	20	11	9
Id-Danimarka	5	1	4
L-Estonja	15	4	11
Il-Finlandja	11	2	9
Franza	18	8	10
Il-Ġermanja	34	10	24
Il-Greċja	40	17	23
L-Ungerija	13	7	6
L-Irlanda	17	7	10
L-Italja	39	23	16
Il-Latvja	18	8	10
Il-Litwanja	16	3	13
Il-Lussemburgu	4	1	3
Malta	17	6	11
In-Netherlands	14	5	9
Il-Polonja	34	17	17
Il-Portugall	44	28	16
Ir-Rumanija	45	28	17
Is-Slovakkja	27	17	10
Is-Slovenja	17	7	10
Spanja	27	14	13
L-Iżvezja	8	5	3
Total	604	295	309

²³ Inklużi żewġ talbiet minn għażla li ssir tard